Imħabba bis-sens

Br. Frederick Scerri © 2008 D-Xtremes

Intro: **G D Em - G D C -**

G D Em
Missierna tas-sema tant ħabbna
D G
Meta tana lil Ibnu l-waħdien
Em Am D
Biex isir wieħed minna u jgħix fostna
G D G
U joffrilna mid-dnub il-ħelsien
G D Em
Bagħtu jonqox imħabbtu fi qlubna
D G
Li tibdilna lkoll f'ħolqien ġdid
Em Am D
Biex Fih nagħrfu kif ngħixu ta' aħwa
C D
Mingħajr firda; ta' vera ulied.

Rit: **G Em C D**
Ħobbu lil xulxin, kif ħabbejtkom jien
G Em C D
Wasslu din l-imħabba, fil-qlub tal-bnedmin
G Em C D
Kunu xiehda tiegħi, fost ħutkom kullimkien
G Em C D G
Uruhom kif l-imħabba tagħtihom il-ħelsien

Għadda fostna jxandar il-maħfra
U ifarraġ il-qalb tal-muġugħ
Kien id-Dawl illi dawwal id-dinja
Sar il-Ħobż illi jaqta' kull ġuħ.
Tana Ġismu u Demmu sal-aħħar
Fuq salib, hemm fuq l-għolja merfugħ
Biex imħabbtu naraw issa fejn twassal
Ta' kull darba li aħna niċħduh. Rit:

Tana l-qawwa biex ngħixu fid-dinja
Bħall-appostli nhar Għid il-Ħamsin
Mingħajr biża' inħabbru li Kristu
Hu biss jagħti l-vera ħelsien.
Dik imħabbtu issir imħabbitna
Li tgħaqqadna f'qalb waħda flimkien
Tgħinna nibnu flimkien dinja ġdida
Sabiex ngħixu tassew ferħanin. Rit:

G C D Em Am